MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-12 ta' Mejju, 2003

Appell Civili Numru. 77/1998/2

**Palmar Limited**

**vs**

**Victor Ciantar**

**Il-Qorti,**

L-intimat Victor Ciantar ipproceda quddiem din il-Qorti b'rikors ghal smiegh mill-gdid tal-kawza deciza finalment minn dina l-Qorti b'sentenza tat-28 ta' Dicembru 2001 li permezz taghha cahdet l-appell tieghu u ikkonfermat l-ordni ta' zgumbrament mill-fond lokat lilu fir-Rabat stabbilit mill-Bord li Jirregola l-Kera. Huwa jibbaza t-talba tieghu fit-termini tas-subincizi (e) u (l) ta' l-Artikolu 811 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili. Dan fis-sens hawn isfel dedott.

"1. Illi l-kawza fuq riferita giet deciza mill-Qorti ta' l-Appell fit-28 ta' Dicembru, 2001, fejn fiha giet konfermata d-decizjoni li l-esponenti jizgombra mill-fond "sala" maghrufa bhala billiard room, parti mil-lukanda "Point De Vue", Is-Saqqajja, Rabat, uzata bhala restaurant, u dan wara decizjoni tal-Bord li Jirregola l-Kera, tas-7 ta' Dicembru 2000. U jidher li l-motivazzjoni tal-Appell hija differenti minn dik tal-Bord.

2. Il-fatti li taw lok ghal din il-kawza huma essenzjalment, ghalkemm mhux ghal kollox, imfissra fis-sentenza li minnha qed tintalab ritrattazzjoni.

3. L-esponenti kellu kirja bi skrittura minghand is-sidien precedenti li kienet testwalment tistabilixxi kirja ta' ghaxar snin. Dik kienet il-kirja konvenzjonali. Il-kirja stabbilita kienet tghid hekk fl-iskrittura:-

"(1) Bil-kera ta' sittin lira fis-sena dekoribbli mill-ewwel ta' Lulju tas-sena korrenti u pagabbli kull sitt xhur bil-quddiem.

(2) ghal zmien ghaxar snin dekorribbli mill-istess data (1/7/76) pero` l-istess terminu jista' jigi mgedded mill-imsemmi Victor Ciantar ghal hames snin ohra, u f'dan il-kaz il-kera tigi awmentata awtomatikament ghal tmenin lira (Lm80) fis-sena."

L-Onorabbli Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha kkunsidrat li sa hmistax-il sena mill-1 ta' Lulju, 1976 u cioe` sat-30 ta' Gunju, 1991, din kienet kollha kirja originali ta' hmistax-il sena. Ghalkemm it-termini kienu stabbiliti fil-kitba originali, dan ma jfissirx li kien hemm terminu originali tal-kirja ta' 15-il sena. It-terminu ta' hames snin huwa ta' rilokazzjoni.

L-Ewwel Onorabbli Qorti applikat il-ligi hazin, ghaliex it-terminu tal-kirja johrog mill-Kodici Civili fl-Artiklu 1526 u l-aktar mill-artiklu 1532, f'liema artiklu l-ligi titkellem fuq "terminu espress" u l-artiklu 1526 jitkellem fuq "zmien miftiehem". Dan ifisser li jghodd bhala terminu tal-kirja dak iz-zmien li l-partijiet ikunu qablu bejniethom bhala

terminu originali tal-kirja. "It-terminu miftiehem" ifisser it-terminu li t-tnejn ikunu fil-mument qablu fuqu, u mhux it-terminu li fuqu hemm possibilita` li ma jkunx hemm qbil anke da parti ta' parti wahda.

Tant hu hekk li t-terminu kien dak miftiehem bejn il-partijiet, u cioe` dak li expressis verbis jinghad fl-iskrittura minghajr tlaqliq u minghajr ebda htiega ta' interpretazzjoni, li biex ikun hemm tigdid skond l-iskrittura kien jehtieg element gid ta' "consensus" da parti tal-kerrej.

Fuq it-tigdid tal-kera jitkellmu l-artiklu 1536 u 1537 tal-Kodici Civili. Mhux biss il-ligi specjali tal-kera. Konsegwentement il-partijiet kontraenti fl-iskrittura originali huma presunti li meta uzaw il-kliem li t-terminu jista' jiggedded, kienu qed jitkellmu fuq li l-ewwel taghlaq il-kirja u mbaghad tiggedded.

Inoltre l-obbligi u d-drittijiet reciproci skond il-kirja originali kien jorbtu biss sa ghaxar snin. Tant hu hekk li kieku l-esponenti telaq il-kirja qabel ghalaq it-terminu, kien jista' jirrispondi biss li jhallas il-kera ghaz-zmien miftiehem ta' ghaxar snin. Huwa fil-mument tal-kontrattazzjoni li jigi stabbilit it-terminu miftiehem, mhux fuq il-mument meta tispicca l-kirja. Hemm japplikaw il-ligijiet dwar ir-rilokazzjoni.

Ghalhekk meta l-Onorabbli Qorti tal-Appell esprimiet ruhha fuq il-fatti li din kienet kirja ta' hmistax-il sena, ghaddiet flimkien zewg terminu, u applikat il-ligi hazin. Din mhix kwestjoni ta' interpretazzjoni. L-Onorabbli Qorti tal-Appell konsegwentement meta qalet li t-terminu ta' hames snin kienet "ozzjoni" tal-esponenti, ma kenitx qed tapplika l-ligi korrettement, ghaliex it-terminu skond l-artiklu 1526 ikun miftiehem, u mhux imhalli ghall-ozzjoni ta' xi hadd. Il-ligi riedet ic-certezza. Il-partijiet ghazlu c-certezza bi kliem semplici. Ma kienx hemm lok ta' interpretazzjoni, imma applikazzjoni tal-ligi ghall-fatti cari u semplici. In-nies jafu x'ifissru "ghaxar snin" sa minn meta huma stess ikollhom ghaxar snin.

“Tiggedded” li gejja mill-kelma “gdid”, tfisser li hemm xi haga li wara ghaxar snin, se ssir gdida, ghaliex il-qadima tkun spiccat.

L-Onorabbli Qorti tal-Appell, ghalhekk, applikat ukoll hazin il-ligi dwar l-interpretazzjoni,u cioe` dak dispost fl-artiklu 1002 tal-Kodici Civili, li testwalment jghid: “Meta l-kliem ta’ konvenzjoni mehud fis-sens skond l-uzu fiz-zmien tal-kuntratt, hu car, ma hemm lok ghal ebda interpretazzjoni.”

**Kienet tkun differenti s-sitwazzjoni kieku kien hemm kliem li jghid li l-kirja ghal hmistax-il sena, u wara l-ewwel ghaxar snin, il-kerrej seta’ jitlaq, jew ikompli bil-kirja bil-kera awmentat**.

Ghalhekk is-sentenza, fejn kien hemm kliem car, u skond il-ligi ma kien hemm l-ebda lok ghall-interpretazzjoni, ghaliex l-interpretazzjoni hija fejn ma hemmx carezza, kienet qed tapplika l-ligi hazin.

4. L-iskrittura kienet titkellem ukoll fuq li t-terminu jigi mgedded. Huwa risaput li l-kirja ghandha bhala elementi, l-oggett, it-terminu u l-korrispettiv. F’dan il-kaz l-oggetti kien maghruf, fuq it-terminu kien stabbilit, u jigi “mgedded” u l-korrispettiv jinbidel.

Li t-terminu jigi mgedded ma jistax ikollu hlief tifsira skond l-uzu tal-kliem fiz-zmien tal-kuntratt. Hija l-istess kelma li juza l-Kodici Civili u l-Kap 69 tal-Ligijiet. Ghalhekk ma hemmx lok ghall-interpretazzjoni. Hemm biss lok ghall-applikazzjoni tal-ligi.

Fl-ebda mument ma kien hemm kwestjoni dwar x’kitbu l-partijiet. Tkellmu fuq tigdid, u ghalhekk kienu qed jifhmu li fl-ewwel lok tispicca l-ewwel wahda, u mbaghad jintervjeni att iehor, u waqt lli l-oggett jibqa’ l-istess, ikun hemm terminu “mgedded” b’varjazzjoni tal-kera. L-anqas jista’ jinghad li kien hemm novazzjoni tal-kirja fit-tieni parti. Fl-ewwel lok tghidu l-ligi stess, li varjazzjoni tal-kera ma jfissirx li hemm novazzjoni. Ghalhekk hemm tigdid, ta’ dak li kien jezisti fl-ewwel ghaxar snin.

5. Is-sentenza u l-kawza li minnha hemm ritrattazzjoni ghalhekk kellha tapplika l-ovvju – li kien hemm terminu originali u tigdid sussegwentement.

6. Stabbilit dan, wiehed irid jigi ghal fejn inoltre kienet applikata hazin il-ligi f'dan il-kaz. Il-ligijiet li gew applikati hazin kienu l-Kap 69 u l-Kodici Civili, kif se jigi spjegat.

7. Jekk wiehed kellu jaccetta li l-partijiet kellhom liberta` fil-kontrattazzjoni fuq fondi kummercjali, aspett li hu kontestat, imma l-istess ligi, u cioe` l-Kap 69, jaghmel certi regoli, li stranament jinqabzu li jissemmew kemm fis-sentenza tal-Bord u kemm u fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell.

Kull tigdid b'varjazzjoni, anke bil-kunsens awtonomu tal-partijiet, wara li jkun skada t-terminu tal-kirja, jehtieg procedura stabbilita mil-ligi u ma tistax tinqabez. Is-sentenzi li minnhom hemm ir-ritrattazzjoni, ghalhekk, applikaw hazin il-ligi, imqar jekk zammew it-tezi li l-partijiet ghandhom liberta` ta' kontrattazzjoni.

Iz-zewg sentenzi qabzu u ma semmew xejn dwar il-htiega ta' ittra ufficjali, l-anqas meta giet kwotata testwalment il-ligi dwar il-kirjiet ta' fond kummercjali li jaqbez Lm40 kera fis-sena.

Il-htiega ta' ittra ufficjali tohrog mil-ligi, u hija kundizzjoni sine qua non. Tohrog mil-ligi kemm dik specjali u kemm dik ordinarja.

L-artiklu 15 (2) tal-Kap 69 jaghmilha cara kif tista' kirja tinbidel kundizzjoni f'kuntratt ta' kiri ta' fond kummercjali meta jkun jaqbez Lm40 kera. Is-sid irid jibghat ittra ufficjali xahar qabel l-gheluq biex ifisser il-hsieb tieghu dwar it-tigdid. Jekk il-kerrej ma jiehux passi jfisser li qed jaccetta l-kundizzjonijiet.

L-esponenti se joqghod ghal dan il-kuntratt partikolari, u kif inhu miktub, u fejn ma hemm l-ebda lok ghal interpretazzjoni li jitkellem fuq li "jigi mgedded". Ghalhekk

tqum il-kwestjoni legali, li giet ghal kollox injorata fis-sentenzi in ezami: **Huwa mehlus is-sid,u kien mehlus is-sid, fuq dan il-kuntratt kif miktub, li jibghat l-ittra ufficjali li biha jgharraf lill-kerrej bid-dritt tieghu li jekk tiggedded il-kirja, l-kera kellha tkun ta' Lm80?**

**Qed jigi sottomess bir-rispett li fil-kawza ritratta hemm zball ta' applikazzjoni tal-ligi ghaliex bl-ebda mod ma giet applikata l-ligi li ghat-tigdid kienet mehtiega l-ittra ufficcjali li ma saritx**.

Ezempju simili huwa dwar  il-konvenji b'kapparra. Kien hemm l-impressjoni li min jircievi l-kapparra jista' jzommha jekk ix-xerrej ma jersaqx, u m'ghandu xejn x'jaghmel.  Il-ligi titkellem li biex jinzammu l-effetti tal-weghda hemm bzonn li l-parti li trid izzommu haj taghmel ittra ufficjali.  U jekk ikun ircieva l-kapparra?  Il-Qorti tal-Appell ricentement fis-sentenza Pauline Manche` v Farrugia kkundannat lill-venditur li jirrifondi l-kapparra ghaliex ma kienx ghamel l-ittra  ufficjali biex izomm il-konvenju fis-sehh.

Il-Ligi ma taghmilx distinzjoni u ghalhekk ma tistax tinholoq distinzjoni.  Anzi l-Kap 69 huwa vinkolanti fuq kulhadd, u l-anqas il-kontrattazzjoni tal-partijiet, hlief fil-limiti tal-permissibbli.

Hawn si tratta expressis verbis ta' tigdid, u ghalhekk is-sid kellu l-obbligu li jibghat l-ittra ufficjali qabel ghalqu l-ghaxar snin, li jekk l-inkwilin ried li jissokta fil-kirja u jgeddidha, is-sid ried li jkollu kera oghla.  Dan hu rekwizit li mhux esenti mill-operat tal-ligi u jekk ma jigix osservat kollox huwa null.

Ghaliex anke ezami akkurat tal-gurisprudenza li kkwota l-Bord u li mbaghad baqghu sejrin fuqha dwar l-interpretazzjoni, jidher li qed jinqabez ghal kollox il-bran mill-imsemmija sentenza li se jigi hawn sottolineat (pagna 4 tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell):

"[fejn il-ligi qalet] li l-pattijiet jew kundizzjonijiet li jeskludu lill-kerrej mill-beneficcji moghtija b'dak il-kap huma nulli u bla effett hija ma kenitx qieghda tinkludi fil-kaz ta' fondi

kummercjali l-pattijiet u kundizzjonijiet godda ta’ lokazzjoni, inkluza zieda ta’ kera, INKORPORATI FI SKRITTURI GODDA TA’ LOKAZZJONI stante li l-kerrej seta’ jirrinunzja ghall-beneficcju moghtija lilu billi jiftiehem dwarhom mas-sid … …”

Din qabzet kull attenzjoni, ghaliex huwa risaput li jekk wara lokazzjoni ikun hemm skrittura ohra ta’ lokazzjoni, allura japplika l-principju tal-ftehim dwar il-kera u kundizzjonijiet godda, imma hemm il-htiega ta’ SKRITTURA GDIDA. Dan l-element intesa ghal kollox. Jintervjeni att iehor, u mhux ikun hemm l-awtomaticita` prevista mill-Kap 69, u anke mill-Kodici Civili wara kollox.

Is-sentenza li fuqha giet bazata s-sentenza titkellem fuq skritturi godda. Dan ghandu jkun pacifiku li jekk il-partijiet jghaddu biex jaghmlu skrittura gdida, wara t-terminazzjoni tal-ewwel kirja, ikunu qed jaghmlu l-kuntratt gdid, u fuq fondi kummercjali hadd ma jista’ jgib il-Bord halli jigi stabbilit il-kera xieraq, minkejja li jkun ftehem. Imma hadd ma jista **a priori jirrinunzja ghall-beneficcji tal-Ordinanza fil-ftehim, inkluz ghall-fondi kummercjali**.

Kif inhi miktuba l-iskrittura u kif qed tigi applikata l-ligi ghaliha, dak li l-ligi riedet li jkun “null u bla effett” sar mhux biss lecitu u legali imma sahansitra sewwa. L-iskrittura, jekk tigi applikata fis-sentenza, tfisser li l-esponenti ghamel rinunzja a priori tal-beneficcji tal-Ordinanza, inkluz id-dritt li jkun mgharraf b’ittra ufficjali li s-sid be hsiebu jkompli bil-kirja kemm-il darba jaccetta kera oghla fit-tigdid. Dan mhux la legali u l-anqas lecitu.

Kien ghalhekk li dejjem l-iskritturi kienu jsiru bil-mod li l-ewwel jigi stabbilit it-terminu tal-kirja,u l-kera fil-massimu, u wara kien ikun riduzzjoni bonarja tal-kera, nghidu ahna ghall-ewwel hames snin u ghat-tieni hames snin.

Tajjeb li wiehed jghid ukoll li meta saret l-iskrittura l-partijiet kienu qed jikkontrattaw skond ukoll kif kienet il-gurisprudenza dak iz-zmien, kieku wiehed kellu jaccetta li din il-gurisprudenza inbidlet hmistax-il sena ilu. Dan mhu minnu xejn, ghaliex il-gurisprudenza kienet qed titkellem

fuq skritturi godda. Fl-1976 huwa 25 sena ilu, u ghalhekk ma jistax jinghad li l-esponenti kellu xi intenzjoni jew seta' jaghmel intenzjoni li jirrinunzja a priori ghall-protezzjoni tal-ligi.

Dak li l-ligi ma riditx kien li minn qabel il-partijiet jiffrustraw il-protezzjoni tal-ligi specjali a priori u fl-iskrittura originali. Ma ghamlitx distinzjoni bejn fond u fond. Jerga' jinghad li kienet tkun differenti l-kwestjoni li kieku saret l-ewwel skrittura ghal ghaxar snin, umbaghad saret skrittura ohra ghal hames snin. It-tieni skrittura kienet tipprevali.

Dan hu konsonanti wkoll mal-gurisprudenza assodata u qatt mimsusa li fejn ikun hemm kirja ta' fond kummercjali, l-Bord li Jirregola l-Kera, ghandu biss jara jekk il-kera teccedix l-40% tal-kera li suppost kien mikri fl-4 ta' Awissu 1914. Jekk jirrizulta li l-kera attwalment imhallas huwa oghla, il-Bord ihalli kollox kif inhu fil-fond kummercjali, u mhux inaqqas il-kera.

Imma l-ligi ma riedet qatt tippermetti li jkun hemm ftehim li jdur maghha u jgibha fix-xejn. Fil-fondi kummercjali dak li l-kerrej jaghmel sussegwentement fir-rilokazzjoni taccettah, imma mhux taghti mill-bidu carte blanche. Imma ma setghux il-partijiet jirregolaw minghajr skrittura gdida t-tigdid ghaliex dak hu vjetat.

**Bazilari fil-kwestjoni kollha hija li wiehed irid ihares lejn l-iskrittura de quo, u mhux japplika fatti li huma differenti minn skritturi ohrajn (godda wara l-qodma) ghaliex b'hekk tkun qed tigi applikata hazin il-ligi**.

Ritrattazzjoni taht l-artiklu 811 (l)

L-esponenti jissottometti li ghandu jkun hemm ritrattazzjoni ghaliex hu stabbilit bil-kitba stess fatt positiv li kien hemm kirja ghal ghaxar snin, u kien hemm rilokazzjoni, u minflok dan gie meqjus li kien zmien wiehed. Ma kien hemm l-ebda kontestazzjoni bejn il-partijiet li kien hemm terminu originali u wara kien hemm rilokazzjoni.

Dak li dejjem sostniet il-parti l-ohra kienet li kellha d-dritt li tapplika s-sentenza li tista’ a priori tiftiehem fuq kif tkun ir-rilokazzjoni, imma qatt ma ssottomettiet li kien hemm kirja ghal hmistax-il sena.

Fuq dan il-fatt inkontrovertit, hemm il-posizzjoni assunta mill-Qorti tal-Appell illi kienet decizjoni zbaljata u kontra l-fatti pruvati mill-istess skrittura bejn il-partijiet.

Ghal skans ta’ ripetizzjoni qed issir riferenza ghall-argumenti u fatti gia` esposti aktar ‘il fuq.

**Ritrattazzjoni fuq il-kapi kollha**.

Ir-ritrattazzjoni hija mitlub konsegwentement fuq il-kapi kollha decizi kemm mill-Bord li Jirregola l-Kera u kemm mill-Qorti tal-Appell.

Talba

Ghaldaqstant minn dawn il-fatti johrog bic-car li ghandu jkun hemm ritrattazzjoni bazata fuq l-artikolu 811 (e) tal-Kap 12, u l-ligi applikabbli dwar it-terminu tal-kirja kien kif stabbilit mill-Artikli 1526 u 1532 tal-Kodici Civili, u konsegwentement kien hemm rilokazzjoni wara l-ewwel ghaxar snin, u inoltre stante l-manifesta applikazzjoni hazina tal-ligi Kap 69 fl-artiklu 15 (1) tieghu u tal-gurisprudenza originali li kienet tesigi skritturi godda ta’ rilokazzjoni biex ma jkunx hemm id-divjet assolut tal-istess artiklu 15 (1) li kellu jigi applikat fic-cirkostanzi tal-kaz prezenti fir-rigorozita` manifesta tal-kliem car tieghu, kif ukoll taht l-artiklu 811 (l) tal-Kap 12 u f’dawn it-termini jintalab bil-qima li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tirritratta l-kawza li fuqha qed tintalab ir-ritrattazzjoni billi qabel xejn ghar-ragunijiet premessi jkun annullat u mhassar kull kap ta’ l-istess sentenzi msemmija.

Bl-ispejjez.”

Is-socjeta’ Palmar Limited opponiet din it-talba b’din ir-risposta:-

"Victor Ciantar (aktar 'il quddiem imsejjah "ir-rikorrent") irid jitlob ritrattazzjoni taht l-art. 811 (e) u l-art. 811 (1) tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili. Fil-fatt izda, dak li tassew qieghed ifittex li jaghmel hu li jiftah mill-gdid kwistjonijiet li dwarhom ga' hemm decizjoni – mill-Bord li Jirregola l-Kera u konfermata mill-Qorti ta' l-Appell – u hekk johloq istanza ohra ta' gurisdizzjoni, jew appell minn decizjoni tal-Qorti ta' l-Appell. F'dan il-kuntest ghandu jinghad illi ma huwiex minnu dak li jinghad fir-rikors ili l-"motivazzjoni ta' l-appell hija differenti minn dik tal-Bord" ghax il-Qorti ta' l-Appell qalet car u tond illi "ma ssib xejn x'ticcensura fis-sentenza appellata li tirrizulta gusta u ben fondata fid-dritt. Sentenza li wkoll apprezzat gustament l-insenjament ta' din il-Qorti … … …"

**Ritrattazzjoni taht l-Art. 811 (e) tal-Kap 12.**

L-ewwel bazi ta' ritrattazzjoni mitluba mir-rikorrent hija taht il-paragrafu (e) tal-Kap. 12 applikazzjoni tal-ligi hazina:

**811**. Kawza deciza b'sentenza moghtija fi grad ta' appell tista`, fuq talba ta' wahda mill-partijiet li jkollha interess, tigi ritrattata, wara li qabel xejn tigi mhassra dik is-sentenza, ghal wahda minn dawn ir-ragunijiet li gejjin:

(e) jekk is-sentenza tkun applikat il-ligi hazin;

ghall-finijiet ta' dan il-paragrafu, jitqies li kien hemm applikazzjoni hazina tal-ligi, fil-kaz biss li d-decizjoni, meta l-fatt kien tassew kif stabbilit fis-sentenza attakkata, ma tkunx skond il-ligi, basta li l-kwistjoni ma tkunx dwar interpretazzjoni ta' ligi, li fuqha l-qorti tkun esprassament tat decizjoni;

Relevanti wkoll huwa l-art. 816 ta' l-istess Kodici:

**816**. … … … meta r-raguni hija l-applikazzjoni hazina tal-ligi, l-attur ghandu jsemmi l-ligi li kien imissha giet applikata.

Din il-Qorti Onorabbli, f'sentenza moghtija fit-8 ta' Novembru 1993 in re **Joseph Micallef** versus **George Pavia** (Vol. LXXVII.II.326), hekk kienet interpretat dawn id-disposizzjonijiet tal-ligi:

Hu stabbilit illi jkun hemm lok ghal ritrattazzjoni jekk jirrizulta li l-Qorti tkun applikat il-Ligi hazina ghall-fatti kif ippruvati u mhux jekk tapplika l-ligi applikabbli ghal dawk il-fatti hazin. "L-ipotesi ta' applikazzjoni hazina hazina tal-Ligi tikkonkreta ruhha meta jkun hemm vjolazzjoni manifesta ta' ligi espressa u cara u mhux soggett ghall-interpretazzjoni, razzjocinji jew argumenti " (Aquilina versus Aquilina Vol. XLII, P. I, pg. 227; kif ukoll Azzopardi versus Gerada Vol. VII, pg. 526; Camilleri versus Bezzina Vol. XLIII, P. I, og. 264; Wismayer versus Wismayer Vol. XXIX, P,I, pg. 795; kif ukoll George Xuereb versus Dorothy Xuereb, deciza minn din il-Qorti kif ippresjeduta fl-20 ta' Jannar 1992).

X'inhuma l-fatti illi r-rikorrent qieghed ighid illi fis-sentenza kienet applikata l-ligi hazina ghalihom, u liema ligi, skond hu, kellha tigi applikata minflok?

L-appellant qieghed jghid illi s-sentenza, meta waslet ghall-konkluzjoni illi kien hemm kirja ta' zmien ta' hmistax-il sena, ghamlet interpretazzjoni hazina ghax kien imissha waslet ghall-konkluzjoni illi kien hemm terminu originali ta' ghaxar snin u terminu ta' rilokazzjoni ta' hames snin. Ikompli jghid illi:

Ghalhekk meta l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell esprimiet ruhha fuq il-fatti li din kienet kirja ta' hmistax-il sena, ghaddet flimkien zewg termini u applikat il-ligi hazin.

Ukoll jekk tassew il-Qorti ta' l-Appell "ghaddet flimkien zewg termini", din is-sottomissjoni tar-rikorrent stess, izda, hija fatali ghall-argument tieghu. Qieghed ighid illi l-Qorti "esprimiet ruhha fuq il-fatt" meta interpretathom, fid-dawl tal-ligi fuq id-durata ta' kirja, illi jfissru li kien hemm kirja ta' hmistax-il sena. Izda l-art. 811 (e) ighid car illi ma tinghatax ritrattazzjoni meta l-Qorti tkun espressament tat decizjoni dwar interpretazzjoni tal-ligi.

B’dik l-interpretazzjoni l-Qorti ta’ l-Appell stabbiliet illi z-zmien tal-kirja msemmi fil-kuntratt – u, ighid x’ighid ir-rikorrent, il-kirja stipulata fil-kuntratt kienet ta’ hmistax-il sena, ghaxar snin obbligatorji u hames snin fakoltativi ghall-kerrej – ghandu jitqies bhala perijodu kuntrattwali, i.e. il-perijodu originalment miftiehem fil-kuntratt. Ma hemm xejn fil-ligi li jghid illi dak il-perijodu ma jistax ikun in parte obbligatorju fuq iz-zewg partijiet u in parte fakoltativ ghal parti wahda. Meta qieset il-perijodu kif miftiehem fil-kuntratt bhala perijodu kuntrattwali il-Qorti ma kisret ebda ligi, wisq anqas ma ghamlet “vjolazzjoni manifesta ta’ ligi espressa”. Jista’ jkun illi r-rikorrent ma jaqbilx ma’ dik l-interpetazzjoni, u qieghed iressaq “razzjocinji jew argumenti” biex juri ghala ma jaqbilx maghha, izda dan ma hux aggravju illi jaghti lok ghal ritrattazzjoni.

Ghalhekk, ladarba l-Qorti qieset il-perijodu kollu msemmi fil-kuntratt bhala perijodu kuntrattwali – u din kienet konkluzjoni logika u inevitabbli – mela logikament isegwi li ghal dak il-perijodu tapplika l-ligi li tirregola l-perijodu kuntrattwali u mhux il-ligi specjali li tirregola r-rilokazzjoni.

Fil-fatt li qalet il-Qorti hu illi huwa lecitu ftehim bhal dak li sar bejn il-partijiet ghax, fil-kontest ta’ kirjiet kummercjali, patt li bih il-kerrej jintrabat minn qabel, fil-ftehim originali, dwar zjidiet futuri jkun invalidu biss fil-kaz ta’ tigdid tal-kera impost mil-ligijiet specjali, u mhux fil-kaz ta’ fakolta` ta’ tigdid moghtija kuntrattwalment lill-kerrej fil-kuntratt ta’ lokazzjoni:

L-appellant f’dan l-aggravju jittanta jipperswadi lill-Qorti biex tmur kontra dak li hu ormai pacifiku fil-gurisprudenza u li jirifletti l-istat ta’ dritt illi in tema ta’ kirjiet ta’ fondi kummercjali, il-kontraenti kellhom liberta` ta’ azzjoni shiha fir-rigward tal-kirja originali. Dan b’mod partikolari fejn si tratta l-ammont ta’ kera liberament konvenut u l-mod kif dan seta’ jigi awmentat jew varjat <u>fil-kors tat-terminu originali tal-kirja</u> fejn u meta dan ikun espressament definit. Sa hawn kien u ghadu japplika l-principju “pacta sunt servanda”. Kien biss fi stadju ta’ rilokazzjoni

obbligata mil-ligijiet specjali tal-kera illi l-provvedimenti ta' dawn kienu japplikaw fir-rigward ta' l-awmenti tal-kirja stabbilita. L-ammont tal-kera tal-fondi kummercjali allura ma kienx kontrollat fit-terminu tal-kirja originali u sa fejn dak gie bonarjament miftiehem fil-kuntratt ta' kera kien jorbot lill-kontraenti.

L-artikolu 3 tal-Kap. 69 jipprovdi illi ma kienx lecitu ghall-kerrej [recte ghas-sid] li jirrifjuta li jgedded il-kirja fi tmiem il-perjodu tal-kirja miftiehem jew li jzid il-kera jew li jimponi kondizzjonijiet godda ghat-tigdid tal-kirja minghajr il-permess tal-Bord. Fil-kaz taht ezami kellu jkun ovvju illi hawn non si tratta ta' xi rifjut tal-lokatur illi jgedded il-kirja ghaliex hawn si tratta ta' kirja li kienet ghadha in corso fit-terminu originarjament miftiehem u li kienet allura ghadha ma ntemmitx. Lanqas kien jittratta l-kaz taht ezami minn xi tentattiv tal-lokatur illi jgholli l-kera jew jimponi kondizzjonijiet godda ghat-tigdid tal-kirja. Il-lokatur ma kien qieghed jimponi xejn fuq l-inkwilin. Kien qieghed biss jesigi dak li hu tieghu skond il-ftehim. Wisq anqas kien qed jittanta jimponi xi kondizzjonijiet godda ghat-tigdid tal-kirja. Fil-verita` il-posizzjoni kienet illi l-inkwilin kien qieghed jinvoka dritt ta' opzjoni li kellu skond il-ftehim originali li jibqa' fl-istess kirja li kellu ghal terminu pre stabbilit kontra korrispettiv espressament mftiehem fl-iskrittura originali.

Mhix korretta l-affermazzjoni ta' l-appellant illi l-ligi tillimita l-liberta ta' kontrattazzjoni fir-rigward ta' kirjiet ta' fondi kummercjali. L-awment ta' kera hu biss illegali kemm-il darba ma jkunx stabbilit mill-Bord, biss u meta ikun intemm il-perjodu tal-kirja miftiehma bejn il-kontraenti u jasal mument li fih tissubentra l-ligi specjali tal-kera biex timponi fuq is-sid l-obbligu li <u>jgedded</u> il-kirja taht l-istess kundizzjonijiet f'dak il-mument vigenti. Fil-kaz taht ezami dak il-mument jokkorri biss meta jkun iddekorra t-terminu shih li fih il-partijiet kontraenti jkunu kkonvenew illi kellha jew setghet tibqa' tipperdura l-kirja miftiehma anke fejn tali terminu kien jiddependi unilateralment mill-volonta ta' l-inkwilin. Vantagg dan moghti lilu lli hu perfettament lecitu u li bl-ebda mod ma jikkozza mal-provedimenti tal-Kap. 69 jew ta' xi ligi ohra specjali li tirregola l-kera.

F'din is-silta, il-Qorti tat interpretazzjoni espressa tal-ligi u tal-fatti u qalet car u tond illi ma japplikax id-divjet ta' ftehim mill-bidu, fil-kuntratt, dwar l-awment tal-kera ta' fondi kummercjali matul iz-zmien kollu kuntrattwalment stipulat. Minn din l-interpretazzjoni espressa ma tinghatax ritrattazzjoni.

Is-silta turi wkoll illi l-Qorti kellha car quddiemha d-disposizzjonijiet kollha tal-ligijiet specjali, fosthom dawk ta' l-art. 15 (2) tal-Kap. 69 dwar patt li jeskludi lill-kerrej minn beneficcji tal-ligi: ma hux kaz ta' xi oversight fejn il-Qorti nsiet xi dispozizzjoni partikolari. Qieset dawk id-disposizzjonijiet kollha u interpretathom. Ir-rikorrent jista' ma jaqbilx ma' dik l-interpretazzjoni izda issa bejn il-partijiet hemm res iudicata fuq "kwistjoni … … … dwar interpretazzjoni ta' ligi, li fuqha l-qorti tkun espressament tat decizjoni".

Biex jipprova jsalva l-argument tieghu u juri li kien hemm ligi ohra illi l-Qorti kien imissha applikat, ir-rikorrent ighid illi kienu applikabbli l-art, 1526 u, aktar, l-art. 1532 tal-Kodici Civili:-

**1526**. (1) Il-kiri ta' haga hu kuntratt li bih wahda mill-partijiet tintrabat li taghti lill-ohra t-tgwdija ta' haga, ghal zmien miftiehem u b'kera miftiehem, li din il-parti l-ohra tintrabat li thallas lilha.

**1532**. Jekk ma jkunx hemm ftehim espress jew cirkostanzi li jistghu juru x'kienet l-intenzjoni tal-partijiet dwar iz-zmien tal-kiri, ghandhom jigu mharsa r-regoli li gejjin:-

(a) il-kiri ta' bini jew ta' haga mobbli jitqies maghmul ghaz-zmien li ghalih hu meqjus il-kera, jigifieri, ghal sena, jekk il-kera jkun gie miftiehem tant fis-sena; ghal xahar, jekk il-kera jkun gie mfitiehem tant fix-xahar; ghal gurnata, jekk ikun gie miftiehem tant kull jum:

Izda, meta ma jkunx hemm prova jekk il-kera giex miftiehem bis-sena, bix-xahar, jew bil-gurnata, jitqies li gie miftiehem skond l-uzu.

(b) … … …

(c) … … …

Jidher car mill-ewwel illi ebda wiehed minn dawn iz-zewg artikoli ma jolqot l-interpretazzjoni li tat is-sentenza.

L-art. 1526 huwa definizzjoni tal-kuntratt ta' kiri; ighid illi l-kiri jkun ghal zmien miftiehem (espressament jew tacitament) izda ma jghidx illi dak iz-zmien miftiehem ma jistax ikun maqsum fi zmien obbligatorju ghaz-zewg partijiet u zmien fakoltativ ghal parti wahda.

L-art. 1532 japplika meta ma jkunx hemm ftehim espress; meta hemm ftehim espress ma japplikax. Imkien ma jghid illi meta l-ftehim ikun bhal dak espressament miftiehem fil-kuntratt bejn is-socjeta` esponenti u r-rikorrent iz-zmien ma jitqiesx bhala "espress".

Ir-rikorrent, fis-seba` (7) paragrafu tar-rikors tieghu jghid ukoll illi l-Qorti kien imissha applikat l-art. 15 (2) [recte 14 (2)] tal-Kap. 69 dwar kif jintalab awment tal-kera meta l-kera jkun jaqbez erbghin lira fis-sena

**14**. (1) Sid il-kera ta' xi fond li jkun irid jgholli l-kera jew ibiddel il-kondizzjonijiet tal-kiri meta dan jigi biex igedded, ghandu jaghmel rikors lill-Bord … … …

(2) Izda, meta l-kera huwa izjed minn erbghin lira fis-sena, sid il-kera li jkun irid jgholli l-kera jew jaghmel kondizzjonijiet godda, ghandu fi zmien ta' xahar hawn fuq imsemmi jgharraf lill-kerrej b'dan il-hsieb tieghu, bil-mezz ta' ittra ufficjali, u jekk il-kerrej ikun irid jopponi dak il-gholi jew dawk il-kondizzjonijiet godda jigu michuda; fin-nuqqas ta' dan ir-rikors, iz-zieda jew il-kondizzjonijiet godda proposti jitqiesu li gew accettati mill-kerrej.

Huwa ovvju illi dan l-artikolu ma japplikax ghall-kaz. Is-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell, fis-silta migjuba fuq, tghid espressament illi "Kien biss fi stadju ta' rilokazzjoni obbligata mil-ligijiet specjali tal-kera illi l-provvedimenti ta'

dawn kienu japplikaw fir-rigward ta' l-awmenti tal-kirja stabbilita". Fil-kaz de quo t-tigdid kien bis-sahha ta' stipulazzjoni kuntrattwali fil-kuntratt originali u mhux bis-sahha tal-ligijiet specjali. Il-Qorti ghalhekk qalet espressament, u qalet sew, illi f'dak l-istadju d-disposizzjonijiet tal-ligijiet specjali, fosthom dawk ta' l-art. 14 (2) tal-Kap. 69, ma japplikawx. Fuq din l-interpretazzjoni espressa tal-ligi, ukoll jekk ir-rikorrent ma jaqbilx maghha, ma tinghatax ritrattazzjoni.

**Ritrattazzjoni taht l-Art. 811 (l) tal-Kap.12**.

Ir-rikorrent qieghed jitlob ritrattazzjoni wkoll taht il-para. (e) ta' l-art. 811:

*(l)* jekk is-sentenza kienet l-effett ta' zball li jidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawza.

Ghall-finijiet ta' dan il-paragrafu, jitqies li hemm dak l-izball, fil-kaz biss li d-decizjoni tkun ibbazata fuq is-supposizzjoni ta' xi fatt li l-verita` tieghu tkun bla ebda dubju eskluza, jew fuq is-supposizzjoni li ma jezistix xi fatt, li l-verita` tieghu tkun stabbilita pozittivament, basta li, fil-kaz il-wiehed u l-iehor, il-fatt ma jkunx punt ikkontestat illi jkun gie deciz bis-sentenza.

Fil-fatt, izda, il-kontestazzjoni tar-rikorrent ma hix illi fis-sentenza hemm zball dwar xi fatt, izda illi hemm zball fl-interpretazzjoni tal-konsegwenzi legali ta' ftehim. Dik l-interpretazzjoni, li maghha ma qabilx ir-rikorrent, kienet illi z-zmien ta' hmistax-il sena msemmi fil-kuntratt ta' kiri, maqsum f'ghaxar snin obbligatorji u hames snin b'ghazla tal-kerrej, kien zmien kuntrattwali li ghalih ma japplikawx id-disposizzjonijiet tal-ligijiet tal-kera dwar rilokazzjoni obbligatorja. Il-"fatt" huwa l-kliem ta' l-iskrittura ta' lokazzjoni: dan ma hux fatt illi l-verita` tieghu giet "bla ebda dubju eskluza", bhallikieku l-Qorti kellha quddiemha xi skrittura differenti minn dik meritu tal-kawza! Jidher car ghalhekk illi ma hemm ebda bazi ghala ghandu jkun invokat il-para. (l): il-kontestazzjoni ma hix dwar l-ezistenza ta' fatt izda dwar l-interpretazzjoni tieghu.

**Konkluzjoni**

L-esponenti ghalhekk tissottometti bir-rispett illi ma hemm ebda raguni fil-ligi ghala ghadha tinghata ritrattazzjoni. It-talbiet tar-rikorrent ghalhekk ghandhom jigu michuda, bl-ispejjez kontra tieghu."

Kif inhu ormai ben assodat, fi procedura ghal smiegh mill-gdid ta' kawza jehtiegu zewg stadji. L-ewwel li tithassar is-sentenza ta' qabel ("in rescindente") u wara li jsir is-smiegh mill-gdid ("in rescissorio").

"Il giudizio di ritrattazzioni ha un duplice oggetto, quello di fare annullare una sentenza passata tra le parti in giudicato e l'altro di riaprire la trattazione della causa e provocare un'altra sentenza" ("**Robert Harrison nomine –vs- Antonio Zammit noe**", Qorti Kummerc, 16 ta' Dicembru 1915).

Jekk allura ma jissemmiex l-ewwel stadju l-Qorti ma tistax tghaddi ghat-tieni wiehed. "Ma jistax ikun hemm lok ghar-ritrattazzjoni ta' kawza qabel ma jkun hemm ir-revoka tas-sentenza li biha l-gudizzju kien definit, ghax dik is-sentenza, sakemm ma tigix annullata, hija ta' ostakolu ghar-ri-ezami tal-kawza, u l-esigenzi processwali f'materja ta' ritrattazzjoni ghandhom jigu, u dejjem gew, strettament interpretati, u l-Qorti ma tistax tiehu konjizzjoni ta' stadju li, ghalkemm indispensabbli, ma jinsabx fid-domanda" ("**Nicola Ciappara –vs- Nicola Zammit**", Qorti Kummerc, 11 ta' Ottubru 1955).

Il-Qorti trid allura f'dan l-ewwel stadju tiddetermina jekk it-talba tar-ritrattand hijiex ammissibbli taht il-kapi tal-Art. 811 minnu invokati.

A. **<u>Dwar l-aggravju taht is-subinciz (e) ta' l-Art 811</u>**

Dan is-subinciz jippermetti s-smiegh mill-gdid tal-kawza fil-kaz li jkun hemm applikazzjoni hazina tal-ligi.

"E` comune dottrina assodata da costante giurisprudenza di non essere ammissibile la ritrattazzione per mala applicazione di legge quando la Corte ragionando sul fatto dedotto ed interpretendo una disposizione di legge, applica la stessa, o, come nel caso, dichiare inapplicabile la stessa, mentre si pretende essere stata erronea la fattavi interpretazione" ("**Giuseppe Mizzi et noe –vs- Giovanni Portelli**", Appell Kummercjali, 16 ta' Jannar 1931).

Jinsab insenjat ukoll illi "per vedere se via sia mala applicazione di legge deve prendersi per unica base il fatto come stabbilito dalla Corte nella sentenza impugnata" ("**Negte Giuseppe Vella Zarb –vs- Antonio Bartolo**", Appell Civili, 3 ta' Frar 1930).

Dan ifisser illi l-fatti kif stabbiliti fis-sentenza ritrattata ta' dina l-Qorti ghandhom jittiehdu bhala korretti, u la jistghu ghalhekk jigu kontestati u lanqas imqeghda fid-dubju.

Il-fatti rizultanti fis-sentenza attakkata jikkoncernaw iz-zmien tal-kirja kontrattata. Ir-ritrattand jafferma illi l-Qorti interpretat hazin il-klawsola konvenuta li kienet tghid li l-kirja kellha tkun ghal zmien ghaxar snin dekorribbli mill-istess data (1 ta' Lulju 1976) bil-fakolta` koncessa lill-kerrej li jgedded it-terminu ghal hames snin ohra, b'awment fir-rata ta' kera. Skond il-fehma tieghu ma kienx hemm terminu kumulattiv originali ta' hmistax-il sena, izda terminu originali ta' ghaxar snin u terminu ta' rilokazzjoni ta' hames snin.

Konsiderat kif redatt, dan l-argoment ma hu ta' l-ebda sostenn ghall-pretensjoni tar-ritrattand taht l-ipotesi stabbilita fis-subinciz hawn ezaminat. Kull ma qed jipprova jaghmel huwa li jittanta jikkonvinci illi l-applikazzjoni tal-ligi illi l-Qorti ghamlet ghall-fatti tal-kaz taht ezami kienet hazina billi malament interpretat il-ligi applikabbli u l-interpretazzjoni tal-gurisprudenza in materja. Ghall-fini tar-ritrattazzjoni l-kritika dettaljata tieghu hi ghal kollox insostenibbli fid-dawl tal-principji li jirregolaw l-istituti tar-ritrattazzjoni fuq enuncjati. Anzi, f'dan ir-rigward, il-Qrati dejjem irritenew li hemm lok ghas-

smiegh gdid fuq il-bazi ta' applikazzjoni hazina tal-ligi mhux jekk il-Qorti tkun interpretat erronjament il-ligi applikabbli ghal meritu quddiemha imma biss jekk tkun applikat ghal dak il-meritu ligi zbaljata, u cjoe, ligi minflok ohra.

Biex jinghad kollox ir-ritrattand hu definittivament zbaljat fl-interpretazzjoni li jaghti lill-patt kontrattwali dwar iz-zmien tal-lokazzjoni. Interpretazzjoni dik moghtija li fil-fehma tal-Qorti tiznatura l-volonta` espressa tal-kontraenti.

Jirrizulta f'dan il-kaz illi l-ewwel ghaxar snin kienu obbligatorji ghaz-zewg kontraenti. Wara dan il-perjodu l-kerrej kellu d-dritt jissokta l-kirja ghal hames snin ohra. Il-kirja ghalhekk kienet wahda. Il-perijodu 'di rispetto' akkordat lill-kerrej kellu jfisser illi, terminat iz-zmien 'di fermo', l-inkwilin seta' jipprevalixxi ruhu mit-terminu di rispetto u jestendi l-kirja skond kif determinat minn qabel fl-istess skrittura.

Kif jinghad fid-decizjoni "**Gatt –vs- Saliba**", Appell, 11 ta' Ottubru 1901 (**Vol XXI pI p337**), "il termine di rispetto e` un termine convenzionale come il termine di fermo quantunque dipende dalla volonta` del conduttore. Effetto del termine di rispetto e` che principiato tale termine la durata della locazione e` obbligatoria per tutto il termine".

Ifisser allura illi meta l-Qorti akkumulat il-perijodu ghal wiehed ta' hmistax il-sena certament ma jistax jinghad illi b'daqshekk applikat ghal din il-kostatazzjoni u deduzzjoni taghha artikolu tal-ligi flok iehor li kellu jkun proprjament applikat.

Jista' jinghad ghal kuntrarju illi fuq il-fatt maghruf il-Qorti interpretat sew il-ligi fl-ambitu tal-izvilupp gurisprudenzjali fuq il-materja u li rriteniet illi kwantu ghal fond kummercjali mhux vjetat illi l-kerrej jaccetta l-kera ghola jew il-kondizzjonijiet godda proposti mis-sid. Dan mill-bidunett fil-kuntratt originali. Ara fir-rigward decizjonijiet fl-ismijiet "**John Debrincat –vs- John A. Borg**", Appell, 18 ta' Novembru 1985; "**Monica Ellul et –vs- Perit Ludovico Micallef et**" Appell, Sede Inferjuri, 11 ta' Gunju 1993;

"**Carmelo Stivala –vs- Ratan Mohnani**", Appell, 29 ta' Ottubru 1999, "**Joseph Sciberras –vs- Carmelo Calleja**", Appell, 19 ta' Mejju 2000.

Ma jidherx li hu mehtieg li l-Qorti taghmel konsiderazzjonijiet ulterjuri ta' dritt fuq materja bhal din, ormai illum ben definita mill-Qrati taghna.

Sufficit li jigi ribadit, fuq l-awtorita` tal-**Mattirolo** ("Trattato di Diritto Giudiziario Civile", Vol IV para 1042) dan il-bran:-

"E ormai pacificamente ammesso dagli scrittori e dalla giurisprudenza che i giudizi di mera interpretazione di un fatto dubbio o controverso, ossia i giudizi coi quali il Magistrato, dato il tenore di un atto, interpreta la volonta dubbia ed oscura dei contraenti o del testatore, sono giudizi sovrani del Magistrato che statuisce sul merito, incensurabile in cassazione e che le regole di interpretazione dei contratti sono semplici norme direttive del prudente criterio del Giudice sul merito, da cui questi puo scostarsi, senza commettere un vero errore di diritto che apra la via a cassazione" ("**Marchese Riccardo Cassar Desain nomine –vs- Giovanni Spiteri**", Appell Civili, 25 ta' Novembru 1927).

B. **<u>Dwar l-aggravju taht is-subinciz (l)</u>**

Skond ir-ritrattand is-sentenza kienet l-effett ta' zball ghaliex hu stabbilit bil-kitba stess fatt positiv li kien hemm kirja ghal ghaxar snin u kien hemm rilokazzjoni, u minflok dan gie meqjus li kien zmien wiehed.

Kif koncepit dan l-aggravju dan johrog kompletament mill-isfera ta' dak intiz taht dan is-subinciz. Dan in kwantu hu pacifiku illi "l'errore che puo costituire motivo di ritrattazione dev'essere un errore materiale di fatto e non un errore di criterio e di interpretazione" ("**Giuseppe Luigi Bonnici –vs- Dottor Carlo Galea Naudi**", Appell Civili, 3 ta' April 1922).

Inoltre, "biex zball rizultanti mill-atti tal-kawza jaghti lok ghal ritrattazzjoni jrid ikun jirrigwarda fatt li ma jiffurmax xi punt kontrovers li gie deciz mill-istess sentenza mpunjata"

(“**Giuseppe Darmanin nomine –vs- Virginia Cordina et**”, Appell Civili, 11 ta’ Mejju 1936; “**Caterina Gerada –vs- Avukat Dr. Antonio Caruana**”, Appell Civili, 28 ta’ Jannar 1957; “**Paul Vella –vs- Fung Hwa Chu noe**”, Appell Kummercjali, 21 ta’ Ottubru 1977; “**Roger Ruggier –vs- Beatrice Pisani**”, Appell, 7 ta’ Ottubru 1997, fost bosta ohrajn).

Kull kumment ulterjuri f’dan il-kuntest jinhass superfluwu.

Ghal dawn il-motivi tichad it-talba tar-ritrattand ghar-revoka u thassir tas-sentenza moghtija minn din il-Qorti fit-28 ta’ Dicembru 2001 fil-kawza fl-istess ismijiet premessi, bl-ispejjez gudizzjarji kontra l-istess ritrattand.

Onor. Imhallef Philip Sciberras LL.D.

--------------------------------TMIEM--------------------------------